Kunsill Lokali - Ħad-Dingli – Local Council
Ċentru tal-Komunita'
Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli, DGL 1880.
Tel. No. 21456060
E-mail: dingli.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Had-Dingli

## DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 10/ K9/ 2021**

**Data tal-Laqgha: 22 ta' Ġunju 2021 u tkompliet min item 12.13 fit-30 ta' Ġunju 2021**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli ltaqa' Online fil-17.00 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

Raymond Schembri - Sindku
Sandro Azzopardi - Viċi Sindku
David Vassallo - Kunsillier
Paul Mamo - Kunsillier
Ryan Tanti - Kunsillier

Lexine Farrugia – Ambaxxattriċi taż-Żgħazagħ

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Shawn Tanti – Segretarju Eżekuttiv

**Sindku** : Raymond Schembri
**Viċi Sindku** : Sandro Azzopardi
**Kunsilliera** : David Vassallo, Paul Mamo u Ryan Tanti
**Segretarju Eżekuttiv** : Shawn Tanti

**Minuti**

**10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.**

10.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 09/K9/2021;**

10.2.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 09/K9/2021 **(Dok.1).**

10.2.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda

10.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.3.1 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill li sar qtugħ ta' ħaxix fi Triq Panoramika, Triq ir-Ross, Triq Gvernatur William Reid, Francesco Zammit, Triq il-Buskett u Ġardin Joseph Farrugia.

10.3.2 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li twaħħlu t-tabelli skond kif mitluba mil-pulizija tal-komunita` madwar il-bring in sites.

10.3.3 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li beda xogħol ta' refreshing fuq diversi toroq fosthom Triq Francesco Zammit, Triq Għar Bittija, Triq Ġużè Ellul Mercer kif ukoll Triq il-Mediterran.

10.3.4 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li bdejna xogħlijiet ta' ħasil fuq diversi mirja li għandna fit-toroq tagħna.

10.3.5 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li wara li saret clean up fil-15 ta' Mejju fejn il-Kappella tal-Maddalena xtaq jirringrazzja lil-organizzatur, lis-Sur Daniel Muscat.

10.3.6 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li l-Kunsillier Ryan Tanti ġie approvat mil-Ministeru tal-edukazzjonji bħala l-president skolastiku tal-Kulleġġ San Nikola ta' Ħad-Dingli liema ħatra tibda mil-1 ta' Ġunju 2021.

10.3.7 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li ġiet aċċettata l-aplikazzjoni tal-Mizura 2 Gal Majjistral '' Saving the musical heritage'' fejn ser ningħataw is-somma ta' Eur 18500. Is-Sindku rringrazzja lil-Kunsiller David Vassallo għall-assistenza tiegħu f'din l-applikazzjoni.

**10.4**

**Tweġibijiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

10.4.1 Il-Viċi Sindku Sandro Azzopardi staqsa fuq ix-xogħlijiet li kienu għaddejin fi Triq Misraħ Suffara. Il-mistoqsijiet kienu:

1.*Mill-RWP, tista' tinfurmana jekk hux ser jagħmlu re-instatement tat-triq kollha? Jekk le, tajjeb li nirrimarkaw lil awtoritajiet minħabba li t-trinka li qed jagħmlu mhux issir kif suppost għax la qatgħu bis-sega fejn ġejja t-trinka u qabdu u ħaffru bil-musmar, bil-konsegwenzi kollha u ħsarat li tali metodu jagħmel.*

Is-Sindku wieġeb li kien diġa għamel kuntatt mal-entita konċernata.

10.4. 2 Il-Viċi Sindku Sandro Azzopardi ressaq ukoll talba għal tabelli sabiex ma jgħaddux vetturi kbar/ trakkijiet fi triq il-Lhudi u f'toroq oħra li bħalissa qed isir restawr u bini mil-ġdid ta' ħitan tas-sejjiegħ fejn l-wisgħa tat-triq hija ta' ċerta daqs.

Is-Sindku wieġeb li jaqbel ma din il-proposta u li din kienet ser issir f'laqgħa ohra.

10.4. 3 Il-Kunsillier David Vassallo staqsa rigward xogħol fi Triq it-Turretta u Triq l-Irdum. Il-mistoqsijiet kienu:

1. *Kif ix-xogħol issa daħal fit-tielet sena tiegħu u m'hemm ebda sinjal li t-tkissir li sar beda jissewwa?*
2. *X'korrispondenza għandu l-Kunsill dwar is-suġġett (li bagħat u li rċieva)?*
3. *Il-Kunsill għandu timelines ta' meta se tibda ssir it-tiswija?*
4. *Għandna idea meta se jitlesta x-xogħol?*

Is-Sindku wieġeb li ser jerġa ikellimhom u li ser intuwhom deadline dan għaliex is-sitwazzjoni issa ġiet inaċċettabbli.

**10.5** **Notice Boards – Misraħ Frenc Abela**

10.5.1 Wara talba mingħand il-kumitat tal-każin tal-banda sabiex ikollhom notice board, is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex issir notice board fi Triq Ċensa Spiteri li din ikun amministrata mill-Kunsill Lokali.

10.5.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

10.5.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.6 Daħla fi Sqaq f'Ta Żagħfrana**

Dan l-item kien diġa` ġie diskuss f'laqgħa oħra.

**10.7 Bollard u Hump fi Triq il-Wilga**

10.7.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona nappilkaw ma' TM għall-Bollard u Hump fi Triq il-Wilga.

10.7.2 Il-Vici Sindku Sandro Azzopardi ssekonda.

10.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.8 Puggaman mat-tarag f'Wied Ħażrun**

10.8.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex issir proposta uffiċċjali bil-ħsieb u stima umbgħad niddeċiedu f'laqgħa oħra.

10.8.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

10.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.9 Mirja fi Triq il-Bufula u Triq ir-Rabat**

10.9.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex isiru żewġ mirja fi Triq il-Bufula u Triq ir-Rabat. Sar qbil sabiex għalissa ma tittiħidx deċizjoni fuq dawn il-mirja.

**10.10 Barrier fi Triq Santa Marija**

10.10.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex nibgħatu ittra lil-Infrastructure Malta sabiex naraw x'possibiltajiet hemm sabiex isir barrier fi Triq Santa Marija.

10.10.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

10.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.11 MOU Visual and non- Visual network Orginisation**

10.11.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex nuru interess fil-principju ta' dan il-proġett.

10.11.2 Il-Vici Sindku Sandro Azzopardi ssekonda.

10.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.12 Parir Legali tal-Vecca**

10.12.1 L-avukat Dr Anita Giordmaina qrat il-parir legali (anness) fejn il-parir li taghtna kien li din l-art ghandha terġa tingħata lil La Pinta Ltd b'mod awtomatiku. Kien hawnhekk fejn qamet diskussjoni fuq bosta punti li semmiet l-avukat.Punt minnhom kien jekk il-Kuntratt li l-Kunsill iffirma mal-Lands kienx kuntratt ġdid jew estenzjoni? Fil-fehema tal-avukat dan il-kuntratt kien estenzjoni pero l-avukat għamlitha ċara li hi qatt ma tat il-parir li r-rata tal-kirja għandha tibqa l-istess u sostniet li din ir-rata għandha tiġi riveduda.

10.12.2 Il-Kunsillier David Vassallo staqsa jekk din l-estenzjoni awtomatika hix permessa bil-ligi peres li din hija propjeta pubblika u saħaq li l-għan ewlieni ta' kull art pubblika hija li titgawda kemm jista jkun min nies u li hu qatt ma kien iltaqa ma ċirkustanzi fejn kirjiet bħal dawn jibqgħu jingħataw lil istess individwi mingħajr ma jkun hemm sejħa pubblika għalihom.

10.12.3 Il-Kunsillier Vassallo kompla billi qal li għad hemm ħafna mistoqsijiet ta' x'wieħed irid iwieġeb qabel titieħed deċiżjoni. Fost dawn il-mistoqsijiet huwa semma jekk il-Kunsill jistax jirtira l-applikazzjoni mal-Lands. Staqsa ukoll jekk nistghux niktbu lil Lands sabiex ittina din il-biċċa art b'chance kif ukoll jekk bhala Kunsill ghandniex id-dritt li naghmlu change of use tal- post. Issuggerixxa

ukoll li l-Kunsill ghandu jqabbad periti esperti fuq kera kummerċjali sabiex jivvalutaw huma.

10.12.4 In vista ta' dawn il-mistoqsijiet il-Vici Sindku Sandro Azzopardi ssuġġerixxa sabiex mingħajr ebda nuqqas ta rispett lejn l-avukat preżenti, l-Kunsill għandu jqabbad avukat ieħor għal-parir ieħor dan għaliex is-Sur Azzopardi ma kienx qed jaqbel mal-parir tal-Avukat Giordmaina.

10.12.5 Għaldaqstant is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex sal-laqħha li jmiss kien ser jiġi proponut avukat iehor sabiex itina t-tieni parir filwaqt li rringrazzja lil avukat Giormaina.

10.12.6 Il-Viċi Sindku Sandro Azzopardi ssekonda.

10.12.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.13 .Każ Ħitan tas-sejjiegħ fi Triq il-Bufula

10.13.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex inqabdu lil Dr Anita Giordmaina sabiex tassistina fuq il-każ.

10.13.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

10.13.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.14 Double Yellow Lines (Pitkali, Buskett, Għajn u Kbira)

10.14.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex isir refreshing tas-sinjali fi Triq il-Għajn, Triq il-Kbira u Triq il-Buskett filwaqt li nitkellmu ma' TM għall-pjan ta' żebgħa fi Triq San Pawl tal-Pitkali.

10.14.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

10.14.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.15 Disabled parking Bay Misraħ Frenc Abela

10.15.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona ngħinu lis-Sur Bjorn Formosa japplika għal disabled parking Bay filwaqt li naraw x'possibiltajiet hemm biex dik preżenti titmexxa lejn Triq Ċensa Spiteri

10.15.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

10.15.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.16**

**Rapport tal-Ewwel Kwart Jannar – Marzu 2021**

10.16.1 Wara l-ispjega tal-accountant, is-Sindku Raymond Schembri talab għall-approvazzjoni ta’ dan ir-rapport.

10.16.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

10.16.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.17** **Vakanza ta’ Skrivan fi skala 15**

10.17.1 Wara li rċevejna r-reżenja tas-sur Dario Borg, is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex tinħareġ sejħa ħalli dan il-post jimtela.

10.17.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

10.17.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.18** **Permess Lands fi Triq il-Kunċizzjoni**

10.18.1 Wara li sid il-propjeta` tar-restorant fi Triq il-Kunċizzjoni ġabilna l-permess li għandu u wara li rriżulta li t-tnejn li aħna għandna permess fuq l-istess art, is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex niktbu lic-chairperson tal-LANDS sabiex jagħti s-spegazzjonijiet tiegħu.

10.18.2 Il-Viċi Sindku Sandro Azzopardi ssekonda.

10.18.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.19** **Jum Ħad-Dingli 2021**

10.19.1 Is-Sindku Raymond Schembri qal li bħal kull sena se jsir fit-tielet Ħadd ta’ Settembru, jiġiifieri fid-dsatax ta’ Settembru 2021. Qal ukoll li ser inkunu qed naraw is-sitwazzjoni tal-pandemija u tittieħed deċiżjoni aktar ‘il quddiem fuq l-iskala ta’ kif se tkun se tiġi organizzata din il-ġurnata.

**10.20 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagmenti**

10.20.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 2 sa Dok. 3)**

10.20.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

10.20.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.21 Mozzjonijiet**

10.21.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**10.22 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

10.22.1. Il-laqgħa twaqqfet u giet oġġornata ghat-30 ta Ġunju wara item 10.12 dan għaliex kien qabeż il-massimu ta' ħin ta' laqgħa, jiġifieri tlett sigħat. Il-laqgha tkompliet fit-30 ta' Ġunju fl-16.00.

10.22.2. Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

10.22.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

Konfermati, illum 27 ta' Lulju, 2021

| | |
|---|---|
| Raymond Schembri | Shawn Tanti |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |